Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2263/2003

**Michael Attard Limited**

**vs**

**Carmelo Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta Novembru tas-sena 2003 fejn gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta seba' mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm759) rapprezentanti import ta' ghaxar (10) kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data ta l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment skond il-ligi il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma rikjesta ta’ seba’ mija u disgha u hamsin lira Maltin (Lm759) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ dina l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------